# Patri Ġann Pawl Deguara, OFM mill-Mosta

*Arabista u Missjunarju pijunier fost il-Maltin fl-Eġittu, L-aktar wieħed li xerred f'Malta l-Ordni Franġiskan Sekular.**

***kitba ta' Patri Ġorġ AQUILINA** OFM*

**Ilu** mejjet mill-1888 u ismu u t-tifkira tiegħu fost il-franġiskani għadhom ħajjin. Bniedem li ħa kollox b'serjetà kbira u hekk ħadem bis-sħiħ kulfejn kien. Ma marx universitajiet, imma l-għerf u d-dehen, ħaddimhom skond kif u fejn Alla ried il-ħidma tiegħu. Bla dubju Patri Ġann Pawl Deguara hu fost l-akbar reliġjużi tas-seklu dsatax li għamel ġieħ lill-Malta.

Twieled il-Mosta fis-17 ta' April 1808 bin Tumas u Ċelidonja li meta għammduh tawh l-isem ta' Pawlu.[1] Għamel il-griżma nhar il-15 ta' Ottubru 1820.[2] Il-familja kienet meqjusa bħala tat-tajjeb; kienu bdiewa sidien tar-raba' tagħhom. Kif it-tifel tfarfar u wera l-ħajra li jsir reliġjuż, mhux biss li ma fixkluħx, imma talli ħeġġuh u għenuh kemm felħu. Kien unur, għall-familji ta' dak iż-żmien, forsi aktar mil-lum, meta xi ħadd fil-familja kien iħaddan dan l-istat, għal qadi fis-servizz ta' Alla b'risq ħutu l-bnedmin. Il-Kappillan tal-Mosta nhar it-18 ta' Mejju 1825 jistqarr li t-tifel kien ta' eżempju fid-diskors u l-imġieba tiegħu, kien joħroġ fit-triq bis-suttana klerikali, jitqarben fil-Ħdud u jieħu sehem fil-purċissjonijiet, u għal seba' snin kien ilu jgħallem id-duttrina lit-tfal.[3] U fil-ġudizzju tat-tabib Saverio Galea, kien "*un giovane di buona complessione, e gode perfetta salute*".[4]




***Patri Ġann Pawl Deguara, OFM***
***(ritratt meħud mill-Arkivju Provinċjali O.F.M. u l-Librerija bil-kortesija ta' Patri Ġorġ Aquilina).***

Nhar l-1 ta' Ġunju 1825 libes iċ-ċoqqa ta' San Franġisk fil-Knisja tal-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu) fil-Belt Valletta, minn idejn Patri Salv Anton Vassallo li kien id-Delegat Ġenerali. F'dak iż-żmien, minkejja li l-kunventi Maltin kienu nfirdu darba għal dejjem minn dawk ta' Sqallija, kienu għadhom ma ħadux l-awtonomija sħiħa, imma kienu jiddependu minn Delegat tal-Ġeneral ta' l-Ordni. Wara n-novizzjat issokta l-istudji tiegħu tal-letteratura, filosofija u teoloġija fl-istess kunvent tal-Belt. Ħa t-tonsura u l-ewwel żewġ Ordnijiet Minuri, nhar il-21 ta' Diċembru 1826 u t-tnejn l-oħra nhar 28 ta' Jannar 1828, minn idejn l-Isqof Publiju Sant.[5] Ordna Suddjaknu fl-4 ta' Settembru 1831, Djaknu fil-11 ta' Settembru 1831, u nhar l-20 ta' Mejju 1832 Saċerdot minn idejn l-Isqof Mons. Franġisk Saverju Caruana.[6]

Kull saċerdot ġdid mill-ewwel jintefa' b'ħerqa kbira fil-ministeru pastorali, u hekk għamel P. Ġann Pawl. Imma ta' min igħid li s-saċerdot franġiskan jiġu quddiemu bosta għażliet oħra. Is-sejħa missjunarja f'artijiet qrib gżiritna, u f'oħrajn 'l hinn minnhom, dejjem offrew stedina lil dawk li l-Mulej kien irid minnhom din ix-xorta ta' ħidma 'l bogħod mill-Gżejjer tagħna. L-Afrika ta' Fuq: l-Alġerija, it-Tuneżija, il-Libja, l-Eġittu u l-Artijiet Imqaddsa tal-Palestina kienu minn ta' quddiem. Ftit kienu dawk il-Patrijiet Franġiskani li matul ħajjiethom ma kienux għamlu esperjenza f'xi wieħed minn dawn il-pajjiżi, u b'mod partikulari qalb l-emigranti Maltin. Il-fatt li l-missjunarji Maltin, barra l-Malti

jidħaddtu wkoll it-Taljan, u ma jdumux ma jaqbdu wkoll il-Għarbi, minn dejjem kienu apprezzati ħafna. Ma' din il-ħidma ngħidu l-fatt li s-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa, kienu jħajru bis-sħiħ lill-patrijiet franġiskani kollha.

## Missjunarju mal-Maltin ta' l-Eġittu

Patri Ġann Pawl Deguara bikri wkoll ħass din is-sejħa missjunarja. U l-permess li jitlaq lejn l-Art Imqaddsa kisbu meta b'xorti tajba, u unur kbir għall-Patrijiet Franġiskani Maltin, fl-1834 intagħżel bħala Kustodju (Superjur) ta' l-Art Imqaddsa Patri Franġisk Saverju Bugeja mir-Rabat. Dan, nhar it-3 ta' Ġunju ħadu miegħu lejn il-Lvant Nofsani. L-ewwel tlett snin f'Ġerusalemm bħala surmast tal-kor, u pro-segretarju tal-Kustodja. Imma kellu jtemm din l-ewwel ħidma tiegħu nhar id-9 ta' Ottubru 1838, meta l-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni ordnalu li jmur Lixandra bħala kappillan tal-Maltin. Nhar id-19 ta' Frar 1839 il-Kongregazzjoni ta' Propaganda *Fide* tagħtu t-titlu ta' Missjunarju Apostoliku.[7] Minn ittra (26 ta' Settembru 1839)[8] li kiteb lil waħda Maltija, Roża Daston, benefattriċi tal-missjoni, nistgħu nimmaġinaw kemm kienet diffiċli l-qagħda tiegħu f'Lixandra. Wara li jgħidilha kemm kien *faticosissimo* il-vjaġġ mid-deżert tal-Palestina, jissokta: *Il-piż u l-għira jagħmlu minn din il-missjoni waħda mill-aktar diffiċli. Dan jafuh il-missjunarji kollha, li wħud minnhom, minn hawn telqu lejn id-dinja l-oħra. Min-naħa tiegħi jiena ma nista' nagħmel xejn aktar, ħlief inrodd ħajr lil Alla, u lanqas ma jiddispjaċini, li l-ubbidjenza ġabitni hawn. Alla jagħraf iħallasni Hu billi jagħtini fidili tajbin u li jkun meqrud it-tagħlim qarrieq li hawn.* Terġa, il-ġenituri anzjani tiegħu, kienu ilhom jokorbulu li jarawh qabel ma jmutu. Hekk lill-istess Roża jgħidilha: *Bilħaqq kollu l-ġenituri tiegħi jibku li ninsab hekk 'il bogħod minnhom. Iżda min jista' jmur kontra r-rieda ta' Alla? Niktbilhom spiss, biex insabbarhom imma, dan jisfa biex aktar innikkithom. Lili tagħmilli l-akbar pjaċir, li meta tista' ssabbarhom għalija.*

## Fl-Lixandra u l-Kajr

Patri Deguara kien inxteħet b'ħeġġa żagħżugħa fil-ħidma pastorali b'risq il-Maltin ta' Lixandra li kien il-kappillan tagħhom, ħidma diffiċli f'belt li kienet mimlija emigranti minn kullimkien. Il-qagħda tal-Maltin hawnhekk ma kienitx xi waħda li tista' ssejħilha tajba. Nhar il-23 ta' Novembru, lis-Superjur tiegħu f'Malta, P. Salv Anton Vassallo kitiblu:

> *fix-xhur li għaddew qabadni d-deni tipiku t'hawn. Issa li erġajt ħadt saħħti ntfajt b'ruħi u ġismi fix-xogħol iebes ta' din il-Parroċċa demoralizzata, minn fil-għodu sa fil-għaxija, kważi bla nifs. Il-ħsieb imur mill-ewwel fuq il-ħafna tfal bniet orfni li hawn jgħixu fil-miżerja li tbikkik, u fil-periklu ta' saħħithom u ruħhom. Il-kunvent ma jistax ilaħħaq aktar ma' dan kollu. Wasalna fix-xifer, u b'dana kollu ma tistax tagħmel kollox, għajr li nitħassruhom u nisktu. Għalhekk qed nitolbok biex tgħid b'din il-qagħda tal-Maltin lill-Arċisqof, jew lis-Sur Casolani, biex jaraw jekk hux possibbli li jdaħħlu lil xi wħud fil-Casa d'Industria, biex inħarsuhom mit-tiġrib żgur. Din tkun grazzja kbira li jiena nista' naqla' permezz tiegħek.*[9]

Din il-pjaga tal-Maltin ta' Lixandra, Patri Ġann Pawl messha b'idejh. Kien jerħilha jiġġerra mat-toroq fejn bosta kienu qed igħixu fil-miżerja u 'l bogħod minn Alla. Kien iressaqhom lejH bil-kelma t-tajba. Mas-saħħa biex jaħdem, il-Mulej kien żejnu bil-kelma faċli: jippriedka u jitħaddet tajjeb bil-Malti, bit-Taljan u l-Għarbi. B'dana kollu dan il-bniedem qaddej ta' ħaddieħor jistqarr li: *io non amo vedere chi affatichi per causa mia.* Ma jridx jara lil min jitħabat minħabba fih! [10]

Fi Frar ta' l-1842, sa fl-aħħar ġie Malta biex jistrieħ u jara l-ġenituri tiegħu, u f'Awwissu nerġgħu nsibuh Lixandra, sakemm għamluh kappillan tal-Maltin fil-Kajr, fejn dam sa tmiem l-1846. F'dan iż-żmien, il-pesta ħakmet il-pajjiż ħames darbiet, u Patri Deguara iggranfat mall-ħniena ta' Alla, qeda dmiru ma' l-infettati bla biża' li ser iħalli ħajtu. "L-isptar ta' l-ewropej" ma kienx biżżejjed, u l-morda kellhom jitħalltu mall-misilmin fl-isptarijiet tagħhom.[11]

## Għalliem ta' l-Għarbi

Fiż-żmien twil li ħadem f'Lixandra, barra l-ħidma pastorali, wettaq oħra edukattiva fl-iskejjel elementari tal-parroċċa, li kienu mmexxija mill-Franġiskani u megħjunin mill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Fit-13 ta' Frar 1847 il-Kustodju P. Cherubino ta' Civezza ħatru Superjur u Kappillan tal-parroċċa ta' Latachia.[12] Hawn ingħata aktar għat-tagħlim ta' l-ilsna: Taljan u Għarbi.[13] Il-kotba meħtieġa ma kontx issibhom. Xi ħaġa kellu jivvinta hu! Bla ma qata' qalbu, Patri Ġann Pawl kiteb dizzjunarju, u ġabra ta' kliem meħtieġ biex dak li jkun, kif ingħidu, jinqeda. Biċċtejn xogħol li l-emigranti ma setgħux igħaddu mingħajrhom. Il-fama tiegħu ta' għalliem tajjeb ġriet. Hekk nhar l-1 ta' Ottubru 1849, il-Kustodju P. Bernardino ta' Montefranco, sejjaħlu Betlem, Kappillan[14] u għalliem fl-iskola primarja tat-Taljan u l-Għarbi.[15]

Fl-1851 għalaq sbatax-il sena minn mindu kien beda l-ħidma missjunarja, u għalhekk seta' jerġa lura lejn pajjiżu. Hekk fl-aħħar ta' Novembru ħalla l-Palestina

mill-port ta' Ġaffa lejn Malta, imma ħakmithom tempesta u għal ftit, b'miraklu, jgħid P. Ġann Pawl salva mill-għarqa u sab ruħu mill-ġdid Lixandra.[16] Hawn laqgħu l-Isqof u Vigarju Appostoliku Mons. Perpetuo Guasco u riedu li jibqa' hemm bħala kappillan mill-ġdid tal-Maltin. Dan twettaq nhar id-9 ta' Frar 1852,[17] u dwar dan kiteb lil Ministru Ġeneral ta' l-Ordni nhar is-7 ta' April ta' wara, fejn fost l-oħrajn qallu: *Jekk din hi r-rieda ta' Alla li nibqa' hawn f'din il-missjoni, ħalli jsir hekk minni, għalkemm m'inhix f'saħħti bħalma kont qabel, m'inhix ser nonqos milli nagħmel dak kollu li saħħti tippermettili.* Dam hawn tlett snin oħra sakemm fil-5 ta' Lulju 1857 il-Ministru Ġeneral u l-Kongregazzjoni ta' Propaganda *Fide* fid-19 t'Awwissu 1857, sejħitlu biex imur bħala Missjunarju Appostoliku fi Tripli tal-Libja, bħala Kappillan tal-Maltin, fejn dam għal sentejn oħra.[18] L-ubbidjenza biex jirritorna Malta ngħatatlu nhar 29 ta' Awwissu 1859.[19] Ftit qabel nhar it-23 ta' Lulju, l-istess Ġeneral P. Bernardino minn Montefranco, tah l-unur ta' "Predikatur Ġenerali", u Piju IX nhar it-8 ta' April 1859 kien ta l-Indulġenza Plenarja lil dawk li bil-kondizzjonijiet tas-soltu jisimgħu l-priedki tiegħu, imma dan kollu ngħatalu bil-kundizzjoni li jaċċetta li jkun il-Gwardjan tal-Kunvent tar-Rabat [20]

## Lura Malta fejn xerred l-Ordni tal-Franġiskani Sekulari

Wara aktar minn tnejn u għoxrin sena ta' ħidma missjunarja li swietlu saħħtu, Patri Ġann Pawl Deguara ġie Malta biex jibqa'. F'Diċembru 1859 għamluh Gwardjan tal-Kunvent ta' Ġieżu tar-Rabat ta' l-Imdina, u bejn l-1874-77, Gwardjan ta' Ġieżu tal-Belt Valletta, għal bosta snin membru fil-Kunsill tal-Kustodja Maltija, u surmast ta' l-istudenti.

Il-ħidma partikulari li wettaq f'Malta, barra dik ta' superjur, kienet li ħadem bis-sħiħ biex iferrex mall-Gżejjer Maltin it-Terz'Ordni Franġiskan. Beda din il-ħidma fil-Belt fit-28 ta' Jannar 1866 u ma waqafx qabel April 1887, sa ftit qabel ma miet. Il-Papiet ta' żmienu, l-aktar Ljun XIII, kienu qed jisħqu bis-sħiħ li dan jitwaqqaf fil-parroċċi, u b'xorti tajba f'Malta sab lil Patri Ġann Pawl li kien qed jaħdem fih b'saħħtu kollha. Wara li saħħaħ il-Fraternitajiet tal-Kunventi, waqqaf oħrajn ġodda: fil-Knisja ta' San Filippu l-Birgu, San Ġiljan fl-Isla, l-Imqabba, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, Had-Dingli, Ħal Lija, Ħal Għaxaq, il-Mellieħa, Birkirkara, u l-Ħamrun. Dawn il-fraternitajiet kien iżurhom, u jagħmlilhom il-konferenzi b'mod regolari. Minn Ruma rnexxielu jġibilhom il-privileġġ li jagħmlu l-festa ta' San Franġisk fil-Ħdud ta' Ottubru, u l-Indulġenza Plenarja fil-Ħadd li jaħbat fl-Ottava ta' l-Epifanija, li jaħbat il-Jum tal-Konsagrazzjoni tat-Terz'Ordni lill-Qalb ta' Ġesù.

## Imur l-Armenja

Bniedem li għamel ħidma missjunarja twila, qalbu baqgħet miġbuda lejn dik il-ħidma li kellu jħalli minħabba saħħtu. Dan narawh mill-fatt li kien imgħarraf bl-inkwiet u l-periklu li kienu għaddejjin minnu l-Patrijiet Franġiskani tat-Terra Santa fl-Armenja. Il-konverżjonijiet lejn il-Knisja Kattolika u l-waqfien tal-Patrijarkat Kattoliku kien ħarrex kontra l-Franġiskani l-kleru ortodoss. Xi medjazzjoni kien hemm bżonn li ssir. Patri Deguara joffri li jmur hu, minkejja li qalulu li kien hemm il-periklu ta' ħajtu fin-nofs. Fiduċjuż fl-għajnuna ta' Alla, mar u lanqas laħaq wasal li ma stedinx fil-kunvent għall-ikel lil dawn l-ortodossi, li baqgħu mistgħaġġbin bl-imġieba ferrieħa tiegħu. L-inkwiet intemm b'wiċċ il-ġid u P. Ġann Pawl feraħ li kien għadu missjunarju utli! [21]

Is-sigriet ta' din il-ħidma jinsab fil-ħajja tajba li kien igħix dan ir-reliġjuż. Il-ħajja ta' talb u wkoll ta' penitenza, rispett u rabta mar-rieda ta' Alla, f'dak li ta' fuqu kienu jitolbu minnu, għamluh bniedem maħbub minn Alla u mill-bnedmin li għalihom ħadem bil-qalb. Mill-ittri tiegħu mill-missjoni naraw kemm kien jiftakar fil-patrijiet Maltin.[22] P. Deguara bir-raġun illum inqisuh bħala wieħed mill-pijunieri missjunarji fost il-Maltin, fi żmien meta l-emigrazzjoni kienet qed tkun b'xi mod organizzata, wara l-ħafna lmenti dwar il-qagħda miżera li fiha kienu sabu ruħhom l-ewwel emigranti tagħna fl-Eġittu. Għolla kemm felaħ l-isem ta' Malta, hekk li bis-saħħa tal-Maltin tal-Kajr u ta' l-Isqof Mons. Guasco li semmejna, ġew fostna s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Immakulata ta' Marija, jew ta' l-Eġittu, kif għadna nafuhom. Bis-saħħa tiegħu l-Patrijiet Franġiskani ma neħħewx ħarsithom minn fuq tas-Sliema sakemm irnexxxielhom jieħdu l-Parroċċa tas-Sacro Cuor. Ma marx universitajiet, lanqas fil-kulleġġ apposta fejn il-missjunarji kienu jitħarrġu fil-lingwa Għarbija, b'danakollu għallem u kiteb bil-Għarbi dak li kien irnexxielu jitgħallem waħdu.

Miet fil-kunvent ta' Ġieżu l-Belt Valletta nhar it-22 ta' Diċembru 1888, fl-età ta' 80 sena, li minnhom għadda 65 bħala reliġjuż franġiskan. Il-Franġiskani, għadhom jiftakru f'din il-ħidma kbira u diffiċli tiegħu u jsemmuh bħala eżempju ta' bniedem twajjeb u ħabrieki. Forsi l-Mosta jmissha tfakkru aktar fost l-ulied li għamlulha ġieħ!

## Kitba stampata u manuskritta ta' P. Ġann Pawl Deguara.

1. **Manuskritti li jinsabu fl-Arkivju Provinċjali tal-Patrijiet Franġiskani.**

a) *Trattato dei Rudimenti della Lingua Araba, scritto dal M.R.P. Gianpaolo di Malta.* pp. 213.

b) *Dizionario della Lingua Arabo-Italiana raccolto e compilato secondo l'alfabeto Arabo col suo*


Dizionario Italiano ed Arabo
Contenente le voci più usuali per una conversazione familiare
F.G.P.D.M.M.O.
Articolo I°
Di nomi, verbi, ed attributi appartenenti a Dio.
الفصل الاول
Dio. Iddio. O Dio.
Divinità, o Deità.
Divino.
Deificare.
Eternizare.
Eterno, che non ha principio.
Eterno in durazione.
Eterno, che non ha fine.
Eternità.
Essenza, essenziale.
Sostanza, sostanziale.
Unità della divina essenza.

*... tad-dizzjunarju Għarbi/Taljan skond l-alfabet Għarbi ta' l-1848.*


Dizionario arabo ed italiano.
F.G.P.D.M.M.A.
DIZIONARIO
Della Lingua Araba-Italiana.
Raccolto, e compilato secondo l'Alfabeto Arabo, col suo corrispondente per Alfabeto Italiano. Opera del P. Giovan: Paolo di Malta. Min: Osserv: Missionario Apl.co in Terra S.ta compresa in due volumi.
Volume Primo.
1848.
PROVINCIAL LIBRARY O.F.M. MALTA

***Xi dettalji tal-manuskritti li kiteb Patri Ġann Pawl Deguara OFM***


G. Cristo.
Antologia poetica sacra ossia
Collezione di poesie sacre in ossequio di N.S.G.C. dell'Immacolata V. Maria e di vari Santi in specie del portentoso Naufragio di S. Paolo Ap. in Malta, da diversi autori, per la maggior parte Maltesi, già pubblicate in tre lingue, Latina, Italiana, e Maltese, nelle diverse ricorrenze onde aumentare il culto religioso: e dal P. Giampaolo da Malta Minor Oss. e Miss. Aplico e Predicat. Gle trascritte affin di perpetuare la memoria. 1867 = Tomo I°
Gesu Cristo.

***... kollezzjoni ta' poeżiji sagri bil-Malti ppubblikati qabel bil-Latin, Taljan u Malti.***


DIVOZIONI KASIRA
LIL
KALB SANTISSIMA
TA GESÙ
GHAT-TERZIARI FRANCESCANI TA MALTA
CIOÉ SEBA TALBIET KSAR LIL
MARIA SANTISSIMA
BIEX JITHEJEU TAJEB BL'IMHHABA, U JOFFRU
U JIC-CONSAGRAU CUL SENA IL KLUB TAHHOM
LIL KALB SMA. TA GESU'
MAGHMULA GHALIGHOM MIL
P. Giampaul
DIRETTUR TAT-TERZ' ORDINI FRANCESCAN
TAL MINURI OSSERVANTI,
Biex tintghad fil Chnisia pubb'icament ghal tliet-tijem kabel il festa.

***Xi dettalji tal-libretti miktuba minn P. Ġann Pawl Deguara OFM ...***
***... devozjoni lill-Qalb ta' Ġesù għat-Terzjarji Franġiskani, stampat fl-1874.***

*corrispondente Alfabeto Italiano. Opera del P. Gianpaolo di Malta. Compresa in due volumi, 1848.* Vol. I, pp 675 u Vol. II, pp. 652.

c) *Dizionario Italiano Arabo contenente le voci più usuali per una conversazione familiare, compilato dal P. Gianpaolo di Malta,* pp. 184.

d) *G. Cristo. Antologia poetica sacra, ossia Collezione di poesie sacre ... per la maggior parte maltesi gia pubblicate in tre lingue, Latina, Italiana, e Maltese ... trascritte affin di perpetuare la memoria.* Vol. 7, b'aktar minn 1400 paġna.


Ir-Regula tat-Terz'Ordni
SERAFICU TAL PENITENZA
MODERATA MIL
PAPA LEONE XIII.
GHAT-TERZIARII MALTIN
LI HUMA TAHT ID-DIREZIONI U L'UBBIDIENZA
TAL PATRIJET
M.M. OSSERVANTI.
Bis-sensia tal Cnisia.
MALTA.
Tipografia Industriale,
DI
G. MUSCAT,
48, Str. Mercanti—Valletta.

***... regola tat-Terz'Ordni Serafiku tal-Penitenza, stampat fl-1884.***

**2. Libretti stampati.**

a) *Estratto della Regola del Terz'Ordine del Patriarca S. Francesco detto Della Penitenza, ossia Obblighi ed Esortazioni* ..., (Malta, Stamperia V. Abela, 1871).

b) *Offerta u Consacrazioni Solenni ta Kalbna lill Kalb SS. ta' Ġesù* ..., (Malta, Stamperia V. Abela, 1874).

c) *Divozioni kasira lill Kalb SS. ta' Ġesù għat-Terzjarji Franġiskani* ..., (Malta, Stamperija G. Mifsud, 1874).

d) *Breve devozione al Cuor Santissimo di Gesù pei Fratelli e Sorelle del Terz'Ordine* ..., (Malta, Stamperija G. Mifsud, 1874).

e) *Ir-Regula tat-Terz'Ordni Seraficu tal Penitenza, moderata mill Papa Leone XIII, miġjuba fill lsien Malti* ..., (Malta, Stamperia B. Psaila, 1884).

**Referenzi**

* Patri Ġorġ Scerri,OFM, kiteb għall-ewwel darba hjiel dwar Patri Ġann Pawl, li jinsab fil-manuskritt *Biografie* pp.77-86; u semmiegħ fil-ktieb *Malta e I Luoghi Santi della Palerstina,* (Malta, 1933), 99-100.

[1] Għammdu Dun Marjanu Galea, delegat tal-Kappillan Dun Felic Calleja u bħala parrinu kellu lin-Nutar tan-Naxxar, il-Manifiku Marcello Bonavia. Arkivju Patrijiet Franġiskani (=APF), *Atti Originali, (*=AO), dokument (=doc), 42.

[2] APF, AO, X, doc. 94.

[3] *Ibid.*

[4] *Ibid.,* doc. 95.

[5] *Ibid,* AO, XIV, doc. 36, 38.

[6] *Ibid.* doc. 45, 48, 50

[7] *Ibid.* doc. 65. Ftit wara, nhar is-26 ta' Marzu 1839 talab u qala' l-privileġġ mill-Papa Girgor XVI li jkollu l-artal privileġġat personali darbtejn fil-ġimgħa, li jbierek is-slaleb u d-domni bl-indulġenzi, u li jikseb l-Indulġenza Plenarja *in articulo mortis,* hu u l-familjari tiegħu sat-tielet ġenerazzjoni. *Ibid.* doc 66.

[8] *Ibid.,* doc. 221.

[9] *Ibid.,* Jidher li P. Salv Anton ma qagħadtx iħares lejn din l-ittra. Fuqha stess kiteb l-isem ta' dawk li kellhom ikunu jafu x'qed jiġri mill-Maltin ta' Lixandra: *Vicario, Segretario* (ta' l-Isqof li jissemma' fl-ittra), *Arcivescovo, Casolani, Bonavia, Azzopardi, Protomedico, Sig. Vincenzo Borg.* F'ittra oħra tas-6 ta' Diċembru 1839,ikompli jinsisti fuq l-istess ħaġa. AO, VI. doc. 222. Minn ittra oħra li Patri Deguara bagħat lill-istess Superjur tiegħu f'Malta, nafu bil-faqar kbir li kien jgħix fih. Lanqas kellu biex iħallaslu ratal u nofs kafè li kien bagħatlu ma' Andrea Cassar, kaptan ta' vapur Malti: '*lo stato in cui mi trovo di sopraltissima povertà, coll'incarico poi anche di tanti e tanti poveretti, che non hanno da coprirsi la cute loro intirizzita di freddo, non mi permette di poter farLe nessuna gentilezza.La vostra Paternità. Molto Reverenda compatirà questo attuale mio stato, che è propriamente tutto dedito a pro dei nostri simili.* AO, VIII, doc. 143. Il-faqar kien iħarsu f'kollox. Darba talab biex minn Malta jixtrulu biċċa bizzilla. Riedha sempliċi, ukoll użata imma għadha b'saħħitha, għolja biss xiber, twila erbatax, u ma tqumx aktar minn sitt skudi, l-aktar seba'; AO, VIII, doc. 164.

[10] *Ibid.,* doc. 220.

[11] Dan kollu nafuh mill-ittra tal-Kustodju u l-Kunsill tiegħu, fejn nhar it-28 ta' Novembru 1851 tawh il-permess li jirritorna Malta. Ittra importanti għaliex fiha tiġbor l-attività missjunarja kollha ta' P. Ġann Pawl. AO, VII, doc. 127.

[12] AO, XIV, doc. 79.

[13] Minn fost il-kotba li ħalla warajh Malta, talab lis-Sinjura Roża Daston biex tibgħatlu wkoll ma' Fra Mattew il-grammatika tal-Franċiż; AO, VIII, doc. 220.

[14] AO, XIV, doc. 83.

[15] Fl-ubbidjenza ta' l-1851 li biha P. Ġann Pawl seta' jirritorna Malta, l-istess Kustodju jsemmilu li fil-ħidma tiegħu appostolika wettaqha: *in arabico idiomate dederis, earumque habitatoribus catholicis Divini Verbi fabulum fructuosis et frequentibus concionibus Sacrosancti Evangelii explicatione...*; *Ibid.,* doc. 88.

[16] *Dopo sedici giorni di continuata tempesta naufragammo in questa (Alessandria).* AO, XVII, doc. 128.

[17] *Ibid.,* doc. 89.

[18] C. Bregna, *La Missione Francescana in Libia,* (Tripoli, 1924), 186,

[19] *Ibid.,* doc. 102 - 105.

[20] *Ibid.,* doc 108 - 109. *E' mia intenzione pure che Ella procuri di riordinare il suddetto convento a vita comune perfetta,* qallu l-Ġeneral; *Ibid.* doc. 110.

[21] P. Ġann Pawl kien isegwi dak kollu li kien qed jiġri fil-missjoni tat-Terra Santa. Dan jidher mill-ittri kollha li kien jikteb lil P. Salv Anton Vassallo, li qabel kien hu nnifsu Kustodju. F'ittra minn Lixandra tad-19 ta' Ottubru 1845 jgħidlu li l-patrijiet keċċhom jissiġillaw il-kunvent ta' Arissa u ngħalqu f'dak ta' Beirut. It-toroq ta' Ġerusalemm ukoll saru perikolużi għaliex daħlu ħafna bedwini. AO, VIII, doc. 159. Kienu żminijiet koroh, P. Ġann Pawl isejjaħ it-Terra Santa *Missione abbattutissima; Ibid.,* doc. 162.

[22] Mall-vapuri Maltin mill-port ta' Lixandra kien jibgħatilhom, kafè, għenieqed tat-tamar frisk mill-ġnien tal-kunvent, (AO, VIII, doc. 159), frieghi tal-palm: *ai religiosi e benefattori in segno del mio attaccamento verso li miei confratelli; Ibid.* doc. 162.

**Bim Blue** *Bar and Restaurant*

Prop: Charlie Portelli - **9942 1057** • Charlie Galea - **7972 7923**

***• Traditional Rabbit Meals • Various Meat Dishes & Pizza***

***• Serves Free Appetizers with Drinks***



**143, Constitution Street, Mosta**

**Tel: 2143 4382**